**FIL-BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**MAGISTRAT DR JOSEPH CASSAR BA. LL.D.**

**Illum, 30 ta' Ottubru 2001**

**Rikors Nru: 117/00A**

**Micallef Margaret**

**Vs**

**Emanuel u Theresa sive Tessie Duncan**

Il-Bord,

Ra r-rikors tal-esponenti:

Illi l-esponenti hija s-sid tal-fond numru 86, St. Bartholomew Street, Qormi u qieghed jinkera lill-intimati ghall-ammontta' hdax il-Lira Maltin kull tlett xhur ilu jinkera hekk ghall-dawn l-ahhar tletin sena u f' dan iz-zmien il-kera qatt ma gholiet;

Illi l-inkwilini kienu interpellati sabiex iziedu il-kera u minkejja d-diversi interpellanzi l-inkwilini ma acettawx zieda kif mitluba mill-esponenti li kienet d-doppju tal-kera;

Illi di piu l-inkwilini ghamlu diversi alterazzjonijiet fil-fond in kwistjoni principalment ta' natura strutturali li jikkonsisti fit-tibdiel tal-gallarija u bena washroom u dan kollu minghajr il-permess tas-sid;

Ghaldaqstant l-esponenti bir-rispett jitlob lill-dina l-Bord sabiex jiffissa l-kera gusta appartenenti ghall-post in kwistjoni.

Ra r-risposta fejn interalia l-intimati qalu li:

Preliminarjament , ir-rikorrenti trid tipprova li hija unika proprjetarja tal-fond in kwistjoni u li mhemmx komproprjetarji ohra ta' dan il-fond billi altrimenti l-gudizzju mhuwiex integru;

Ra l-verbal tal-25 ta' Ottubru 2001

Sema x-xhieda bil-gurament

Ra d-dokumenti esebiti

Ra l-atti

Ikkunsidra,

1.Fuq it-taghlim tal-gurisprudenza jinghad illi jekk wiehed mill-ko-proprjetarji jkun irid jaghmel talba quddiem il-Brd, huwa ghandu l-jedd vis-à-vis il-kerrej a bazi tal-Kap 69 li jaghmel proceduri wahdu u m' hemmx htiega li jagixxi mal- ko-proprjetatji l-ohra.

2a. Ara sentenzi moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell in re

| | |
|---|---|
| Peralta vs Wirth | 6/11/42 |
| Zammit vs Saliba | 1/12/30 |
| Cioppord vs Caruana | 20/1/61 |
| Scicluna vs Schembri | 27/7/83 |
| Sammut vs Vella | 26/10/83 |
| Albani vs Scicluna | 2/6/88 – sentenza in parte |
| Bianco vs Agius | 25/2/99 |
| Ellul vs Agius | 29/5/95 |
| Farrugia pro et noe vs Bajada et | 30/4/99 |
| Laferla et vs Cauchi Savona et noe | 6/2/95 |

U

b. Bord li Jirregola l-kera in re

Ritchie vs Dimech et 15/2/00 sentenza in parte Chetcuti vs Chetcuti et 30/1/01……………

3. Is-sies ta’ din il-gurisprudenza hu fl-ahhar mill-ahhar l-art 491 tal-Kodici Civili li jghid li kull komproprjetarju jista’ jinqeda bil-hwejjeg in komun skond id-destinazzjoni taghhom kif stabbilita bl-uzu.

4. Il-fond in kwistjoni inxtara minn Emanuel Micallef fis-17 ta’ Awissu 1965 waqt iz-zwieg tieghu mar-rikorrenti. Emanuel Micallef gie nieqes u nofs tal-fond huwa tar-rikorrenti u n-nofs l-iehor ta’ uliedha. L-intimat ihallas il-kera lir-rikorrenti u bejniethom hemm ir-rabta ta’ sid u kerrej, l-aktar haga importanti ghal ghan ta’ dan ir-rikors.

Ghalhekk il-gjudizzju hu integru.

L-ispejjez ta’ dan l-incident jithallsu mill-intimati.

Il-kawza tibqa’ differita ghal 4 ta' Dicembru 2001.

Dep.Reg Magistrat